MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 250/2004

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM1,666.29), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Anthony Coppini mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "A1" sa "A55") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2004 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 t'Ottubru, 2003 (Dok "B") u tal-mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil-Bank of Valletta plc s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM1,666.29) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------